

# *Il-Festi u l-Każini tal-Banda matul iż-żmien....*

Kitba ta' Carm Borg

Sas-seklu sbatax il-festa tar-raħal kienet pjuttost modesta ħafna paragunata mal-festa tar-raħal tal-lum. Fil-kitba tiegħu, Badger (1838, p.98) jgħid li l-festi reliġjużi kienu l-passatemp ewlieni tal-poplu. Skond Cassar Pullicino (1976, p.35) il-festi tal-parroċċi kif nafuhom illum bdew jiżviluppaw fis-seklu dsatax għax matul is-seklu ta' qabel il-festi ta' l-irħula kienu limitati għal "xi ħuġġieġa, ftit mixgħela u ftit sparar tal-maskli". Iċ-ċelebrazzjonijiet ewlenin tal-festa tar-raħal kienu jsiru kollha fil-knisja.

Maż-żmien xi grupp żgħar ta' mużiċisti kienu bdew joħroġu jdoqqu "il-fifri u t-tamborlini" meta toħroġ il-purċissjoni. L-istatwa tat-titular bdiet toħroġ fil-purċissjoni aktar wara. Insibu, per eżempju, li f'Ħal Luqa l-istatwa ħarġet l-ewwel darba fil-purċissjoni fl-1781, u f'Ħal Tarxien ħarġet fl-1829 (Cassar Pullicino, 1976, p.36). F'Għawdex l-ewwel darba li ħarġet l-istatwa ta' San Ġorġ fil-purċissjoni kien fl-1840 (Bezzina, 1985, p.136).

Din id-drawwa malajr tferxet u hafna parroċċi għamlu l-istatwa tal-patrun jew patruna tagħhom u bdew joħorguha fil-purċissjoni fil-festa tar-raħal tagħhom. F'San Ġiljan, l-istatwa titulari, xogħol ta' Karlu Darmanin, tlestiet fit-13 t'Awissu, 1893, u harġet l-ewwel darba bil-purċissjoni fl-aħħar Ħadd t'Awissu ta' dik is-sena. Sentejn wara biss li l-Knisja ta' San Ġiljan saret parroċċa. (Ktieb Każin Banda San Ġiljan, 1993, mill-ktieb sotirku ta' Wistin Zammit).

F'qasir żmien kien hemm ukoll parroċċi li bdew jiċċelebraw mhux biss il-festa tat-titular iżda wkoll ta' qaddisin oħra fl-istess parroċċa. Per eżempju, fl-1846/47, f'Bormla kien hemm il-festa ta' Santu Kruċ, Ta' Santa Tereża u Sant' Agata kif ukoll ta' l-Immakulata, li kienet il-patruna tar-raħal. (Cassar Pullicino, 1976). Dawn il-festi kienu jiġu ċċelebrati bl-istess pompa, bid-daqq ta' xi ftit strumenti, bil-mixgħela, bil-logħob tan-nar u l-fratrellanzi kienu jieħdu sehem ukoll fil-purċissjoni. F'Mejju ta' l-1847, fil-festa ta' Santa Tereża, f'Bormla, grupp ta' mużiċisti ffurmaw bħal speċi ta' banda u daqqew fil-festa flok il-fifri u t-tamborlini. (Cassar Pullicino, 1976) Dak iż-żmien il-każini tal-banda ma kienux għadhom jeżistu.

L-ewwel Każin tal-Banda f'Malta kien dak ta' Ħaż-Żebbuġ fl-1860, imwaqqaf minn Indri Borg (Castagna, 1890). Din il-banda, u baned oħra żgħar bħalha baqgħu jissejħu "Banda ta' Indri". Ftit xhur wara nfetaħ każin ieħor tal-banda fl-istess raħal ta' Ħaż-Żebbuġ u qamet pika kbira bejn il-partitarji ta' San Filep u ta' San Ġużepp. Fl-1874, fil-Belt Valletta twaqqfet l-ewwel banda 'La Stella" li wara saret "Prince of Wales", u llum iġib l-isem ta' King's Own (Castagna, 1890) Għaxar snin wara, fl-1884, twaqqfet ukoll il-Banda La Valette. (R. Mifsud Bonnici, 1956).

F'dawn iż-żminijiet daħlet ukoll l-użanza li fil-festi tar-raħal jiġu organizzati xi attivitajiet sportivi biex iferrħu lin-nies tar-raħal. It-tiġrijiet taż-żwiemel u ħmir saru popolari ħafna. Dawn kienu jsiru fit-toroq ewlenin tar-raħal fl-lejliet u nhar il-festa. F'San Ġiljan, u f'postijiet ohra ħdejn il-baħar, bdew isiru wkoll it-tlielaq tal-fregatini u nġenji oħra tal-baħar. Iżda l-aktar attività popolari tal-baħar, kienet bla dubju ta' xejn dik tal-ġostra. Insibu fil-gazzetta *The Malta Mail* (Awissu 1842) li "kien hemm il-ġostra fil-bajja ta' San Ġiljan u għaliha marru ħafna nies". Ta' min jgħid li din l-attività tradizzjonali, il-ġostra, għadha ssir sal-ġurnata tal-lum fil-bajja ta' Ġewwa ta' San Ġiljan u għaliha għadhom imorru ħafna nies. (Wieħed ma jistax ma jiftakarx fil-ħabrieki Nazju Bugeja li mar jiltaqa' mal-Mulej fid-29 ta' Jannar, 2007, fl-età ta' 74 sena. Is-Sur Nazju Bugeja kien wieħed mill-aktar dilettanti Ġiljaniżi li ħadem ħafna biex il-ġostra baqgħet issir sena wara l-oħra fil-festa ta' San Ġiljan).

F'qasir żmien il-każini tal-banda bdew jinbtu fl-ibliet u rħula ma' Malta u Għawdex. Fl-1890 kien hawn 34 banda fi 22 lokalità. (Castagna, 1890) Tnax minn dawn l-irħula kellhom żewġ baned u kienu jiċċelebraw il-festa tat-titular u l-festa sekondarja bl-istess pompa. Dan ġab u qajjem piki kbar bejniethom. Il-lum hawn madwar 90 każini tal-Banda f'Malta u Għawdex.



Għal ħabta ta' l-1920 il-festi sekondarji bdew jispikkaw fuq dawk tat-titular. Il-piki tant baqgħu jikbru bejniethom li fl-1935 il-Knisja kellha tieħu passi meħtieġa u ħarġet regolamenti biex iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi sekondarji jiġu kkontrollati. (Concilium, 1935). Fost dawk li kienu milquta kienu l-festi sekondarji ta' San Valentinu ta' Ħal Balzan, San Ġużepp tal-Għargħur, dawk tal-Mosta u tas-Siġġiewi, San Alwiġi ta' Ħal Lija u l-Madonna tar-Rużarju ta' Ħal Safi. Iżda l-aktar li kien qam inkwiet kienu dawk tal-Qrendi u ta' Ħaż-Żabbar. (J. Boissevain, 1993).

Matul it-Tieni Gwerra Dinjija (1939-45) il-festi u l-piki bejn il-każini tal-banda waqfu tista' tgħid għal kollox. Meta spiċċat il-gwerra l-każini tal-banda reġgħu hadu l-ħajja, iżda minħabba l-emigrazzjoni qawwija li kien hawn bejn l-1950 u l-1960, il-każini tal-banda, għalkemm kien hawn 56 każin ġo 37 lokalità għax 19 minn dawn kellhom żewġ baned, ħadu daqqa ta' ħarta f'dawk li huma attivitajiet mużikali. (J. Boissevain, 1993).

Fil-bidu tas-sittinijiet, speċjalment wara l-1965, meta l-ġlieda politika reliġjuża kienet fl-aqwa tagħha, il-każini tal-banda reġa beda jkollhom sehem iktar importanti fir-raħal jew belt tagħhom. Ir-riżultat kien li l-festi ta' barra bdew jiġu organizzati ikbar bil-kbir u dan ġab iżjed piki kbar bejn il-baned, speċjalment bejn dawk ta' l-istess lokalità. Dan ġara l-aktar minħabba l-fatt li ċ-ċelebrazzjonijiet esterni tal-festi sekondarji ma baqgħux taħt il-kontroll tal-knisja iżda għadda taħt l-istat. (J. Boissevain, 1984).

Fil-bidu ta' l-istaġun tal-festi ta' l-1994, l-Isqfijiet ħarġu pastorali biex jippruvaw irażżnu l-piki żejda u l-paganiżmu fil-marċi fil-festi. Dil-pastorali fissret ukoll x'tagħmel festa tassew nisranija. L-appell kien li *"hemm bżonn ikollna sens ta' dixxiplina u ta' responsabbiltà meħtieġa biex jekk u fejn jinbtu sitwazzjonijiet ta' l-inkwiet u diżordni, id 'id nagħrfu nrażżnuhom fil-waqt meħtieġ għall-aħjar ġid komuni."* Il-Kulleġġ tal-Kappillani, wkoll semma leħnu fuq il-piki żejda u mġieba ħażina li qed jagħtu isem ħażin lill-festa nisranija. Ir-regolamenti ġodda fl-aħħar ħarġu u bdew isseħħu mill-1 ta' Jannar, 2002. Ittieħdu wkoll passi dixxiplinarji u xi festi ġew imħassra.

Wieħed jispera li l-miżuri li kellhom jittieħdu dan l-aħħar mill-Kurja jagħtu riżultat mixtieq ħalli b'hekk it-tradizzjonijiet tal-festi tagħna jinżammu u fl-istess ħin ikunu addatati għaż-żmien tal-lum.

**Riferenzi:**
Badger. G. (1938), Bezzina J. (1985), Boissevain J. (1965), (1994), Cassar Pullicino J. (1976), Castagna, P.P. (1890), Concilium Melitense (1935-1936), Mifsud Bonnici R. (1956). Ktieb Każin Banda San Ġiljan (1993), The Malta Mail, Awissu, 1842.



IL-ĠOSTRA F'SAN ĠILJAN FL-1898